**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 21 ta’ Novembru 2016**

**Rikors Numru. 65/15**

**Gorg Mifsud**

**-vs-**

**Awtorita` tat-Trasport f’Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Gorg Mifsud** fl-10 ta’ Dicembru 2015 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

“

1. *Illi l-esponenti huwa xufier ta’ vettura ghall-garr tal-passiggieri, liema vettura ghandha numru ta’ registrazzjoni IMY 278 tal-ghamla Ford Transit;*

2. *Illi permezz ta’ avviz ta’ penali amministrattiva skont regolament 108 tar-Regolamenti dwar Servizz ta’ Garr ta’ Passiggieri (L.S. 499.56) datat 13 ta’ Novembru 2015, hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, Emanuel Zammit, Enforcement Manager mill-Awtorita` Transport Malta innotifika lill-esponenti bl-akkuza illi “nhar is-7 ta’ Ottubru 2015, fi Triq San Frangisk, Balzan, ghall-habta tas-07:19hrs, fejn jirrizulta li waqt li kont qed taghmilha ta’ xufier tal-vettura ghall-garr tal-passiggieri bin-numru ta’ registrazzjoni IMY 278 garrejt fuq l-imsemmija vettura numru ta’ passiggiera aktar minn dak stipulat fir-registrazzjoni tal-vettura” u ta’ dan l-Awtorita` Transport Malta infurmatu illi l-penali kienu fl-ammont ta’ hames mitt Ewro (€500) u 50 Punt ta’ Penalita`;*

3. *Illi fl-istess avviz l-esponenti gie nfurmat illi huwa kellu d-dritt li jaghmel rapprezentazzjonijiet tieghu bil-miktub lill-Awtorita` fi zmien ghaxart (10) ijiem minn meta gie notifikat bl-avviz surreferit;*

4. *Illi l-esponenti permezz ta' ittra datata 18 ta' Novembru 2015 oppona ghall-avviz permezz tar-rapprezentazzjonijiet bil-miktub;*

5. *Illi permezz ta' ittra datata 24 ta' Novembru 2015 l-esponenti gie nfurmat mill-Awtorita` Transport Malta illi peress li ma rcevewx rapprezentazzjonijiet bil-miktub, allura l-Awtorita` ikkkonfermat il-penali ta' hames mitt Ewro (€500) u hamsin (50) punti ta' penali;*

6. *Illi jumejn wara l-ittra hawn fuq indikata l-esponenti rcieva ittra ohra datata wkoll 24 ta' Novembru 2015 fejn l-Awtorita` nfurmat lill-esponenti u talbitu jinjora l-ittra precedenti filwaqt li kkonfermat il-penali amministrattivi;*

7. *Illi ghalhekk jidher car illi indipendentament tar-rapprezentazzjonijiet bil-miktub tal-esponenti, l-Awtorita` Transport Malta kienet diga' hadet id-decizjoni taghha minghajr ma l-esponenti jkollu possibilta` effettiva illi jaghmel id-difiza tieghu;*

8. *Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni tal-Awtorita` Transport Malta u ghalhekk l-esponenti kellu jintavola dan l-umli appell u dan ai termini tal-Artikolu 110 tar-Regolamenti Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Avviz Legali 499.56);*

9. *Illi l-esponenti jispjega illi l-akkuza mahruga mill-Awtorita` Transport Malta u cioe` illi "nhar is-7 ta' Ottubru 2015, fi Triq San Frangisk, Balzan, ghall-habta tas-07:19hrs, fejn jirrizulta li waqt li kont qed taghmilha ta' xufier tal-vettura ghall-garr tal-passiggieri bin-numru ta' registrazzjoni IMY 278 garrejt fuq l-imsemmija vettura numru ta' passiggiera aktar minn dak stipulat fir-registrazzjoni tal-vettura", hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;*

10. *Illi l-fatti tal-kaz huma illi dakinhar l-esponenti kien qed jaghmel l-ewwel vjagg tieghu bl-istudenti lejn l-iskola San Alwigi, Primarja. Illi nhar is-7 ta' Ottubru 2015 kienet niezla xita qalila. Illi waqt li kien ghaddej, ra tliet (3) studenti li kienu wkoll studenti tal-istess skola u li normalment jirkbu mat-tieni vjagg u ghamlulu sinjal biex jieqaf;*

11. *Illi l-esponenti waqaf u l-istudenti telghu fuq il-vettura u talbuh jitilghu mieghu mal-ewwel vjagg peress li kienu qeghdin barra f'xita qalila u ghalhekk minhabba c-cirkostanza tal-kaz huma telghu mieghu fl-ewwel vjagg. B'hekk jidher car illi d-decizjoni tal-Awtorita` ma timmeritax li tigi konfermata;*

12. *Illi ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni tal-Awtorita` Transport Malta datata 13 ta' Novembru 2015 u kkonfermata permezz ta' ittra datati 24 ta' Novembru 2015 u dan senjatament ukoll ghall-fatt illi l-istess Awtorita` naqset milli taghti cans lill-esponenti li jaghmel id-difiza effettiva tieghu u dan peress li tali decizjoni u penalita` amministrattiva kienet diga' deciza u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob li dan it-Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara illi d-decizjoni tal-Awtorita` Transport Malta datata 13 ta' Novembru 2015 u kkonfermata permezz ta' ittra datata 24 ta' Novembru 2015 u li ghandha numru ta' referenza TM 1185/2015 ghandha tigi mhassra u dan ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;*

2. *Tordna kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fl-4 ta' Jannar 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi d-decizjoni raggunata mill-Bord ta' Rapprezentazzjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta tal-24 ta' Novembru 2015 ghandha tigi konfermata stante li hija wahda gusta u timmerita konferma.*

2. *Illi, fil-mertu, filwaqt li jigi rimarkat li l-appellant naqas milli jressaq ir-rapprezentazzjonijiet tieghu quddiem l-Awtorita`, ghalkemm mitlub minnu, mill-premessi sottomessi jammetti l-ksur tar-regolament u mehuda c-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz, difiza umanitarja mhix gustifikazzjoni tal-ksur tal-ligi u dan kif jigi indikat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li ggib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u filwaqt li ssir referenza ghax-xhieda u provi gia mressqa u tirriserva li tressaq dawk il-provi l-ohra kollha permessi lilha bil-ligi, titlob li d-decizjoni tal-24 ta' Novembru 2015 tigi konfermata fl-intier taghha."*

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Ra l-affidavit tar-rikorrent;[1]

Sema' x-xhieda ta' Ernest Mifsud[2] u ta' Gorg Mifsud;[3]

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 24 ta' Novembru 2015 li permezz taghha gie mgharraf illi peress li kien kiser Regolament 47 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) kienet giet imposta fuqu penali amministrattiva ta' hames mitt ewro (€500) u hamsin (50) punti ta' penali.

[1] A fol. 33 u 34
[2] A fol. 42 sa fol. 46
[3] A fol. 50

Illi mill-okkorrenza esebita a fol. 18 u mix-xhieda kemm tar-rikorrent u kif ukoll tal-ispettur tal-Awtorita` intimata, jirrizulta illi l-ksur riskontrat kien jikkonsisti f'taghbija ta' zewg itfal izjed milli suppost fil-van tar-rikorrent.

Illi mill-affidavit **tar-rikorrent** jirrizulta illi dakinhar tal-ispezzjoni kienet niezla xita qawwija u waqt li kien ghaddej b'xi studenti tal-ewwel vjagg tieghu, ra tlett studenti ohra tat-tieni vjagg jistennew fix-xita. Dawn it-tlett studenti meta rawh ghamlulu sinjal biex itellaghhom u hu, peress li kienet niezla hafna xita, tellaghhom. Jirrizulta illi l-vjagg minn fejn tellaghhom sa fejn nizzel lit-tfal l-ohra kien wiehed qasir hafna. Mistoqsi mit-Tribunal ir-rikorrent xehed illi z-zewgt tifal zejda kien ghabbihom minn hdejn ic-cimiterju ta' Hal-Balzan.

Illi x-xhud **Ernest Mifsud** xehed illi fid-data in kwistjoni huwa kien qed jaghmel xi spezzjonijiet hdejn skola f'Hal-Balzan meta ra lir-rikorrent jieqaf hdejn l-iskola u wara li ghoddlu l-passiggieri sab li kellu sbatax-il tifel, u cioe` tnejn iktar milli suppost. Jistqarr illi mill-van niezlu t-tfal kollha hlief ghal zewg studenti. Jistqarr ukoll illi dakinhar kienet ix-xita u r-rikorrent kien qallu li l-istess zewgt itfal, li kellu jigborhom hu stess fil-vjagg sussegwenti, kienu qed jistennew barra u gabarhom biex ma jhallihomx fix-xita.

Illi ai termini tac-citat Regolament 47 tal-Legislazzjni Sussidjarja 499.56 *"L-ebda xufier m'għandu jġorr fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri numru ta' persuni aktar minn dak stipulat fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura"* Illi fil-verita` tali certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni ma giex prodott bhala prova, pero` ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni li l-massimu ta' passiggieri li seta' jghabbi r-rikorrent fil-van tieghu kien dak ta' hmistax (15)-il passiggier.

Illi ghalhekk il-mertu jdur mal-fatt jekk ir-rikorrent, ghalkemm kien mghobbi iktar milli suppost, tenut kont tac-cirkostanzi partikolarissimi tal-kaz, kellux jigi penalizzat mill-Awtorita` intimata. Illi tajjeb li jinghad li ai termini tar-Regolament 108 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 " *L-Awtorità għandu* ***jkollha s-setgħa fid-diskrezzjoni tagħha***[4] *li timponi l-penalitajiet amministrattivi preskritti fil-kolonna 2 tad-Disa' Skeda u l-punti tal-penali korrispondenti kkalkulati skond is-subregolament (4) fuq kull operatur li jikser id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti elenkati fil-kolonna 1 tad-Disa' Skeda."* Illi proprju r-Regolament 47 relatat ma' tghabija zejda ta' passiggieri huwa elenkat fl-ewwel kolonna tal-imsemmija Disa' Skeda.

[4] Enfasi tat-Tribunal

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi fil-gurnata in kwistjoni kienet gurnata b'xita qalila u r-rikorrent gabar tlett itfal mill-post fejn jistennewh is-soltu li pero suppost rikbu fil-vjagg ta' wara biex b'hekk gie mghobbi b'zewg itfal iktar milli suppost. Jirrizulta wkoll illi minn fejn ghabbihom sa fejn waqqfu l-ispettur tal-Awtorita` intimata kien hemm distanza qasira, u cioe` minn hdejn ic-Cimiterju ta' Hal-Balzan sa hdejn l-iskola ta' San Alwigi Primarja gewwa Hal-Balzan stess.

Illi meta l-Legislatur jaghmel Regolamenti naturalment dawn jaghmilhom biex jirregolaw settur partikolari, f'dan il-kaz is-settur tal-garr tal-passiggieri. Illi l-hsieb wara Regolament li jillimita n-numru ta' passiggieri li wiehed jista' jghabbi f'vettura hu mahsub sabiex jissalvagwardja s-sigurta` tal-istess passiggieri u allura s-sanzjonijiet relatati ma' ksur tal-istess Regolamenti huma severi.

Illi madankollu dan it-Tribunal ihoss li l-Awtorita ma qisitx ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Filwaqt li ma hux kontestat illi r-rikorrent kellu zewgt itfal iktar milli suppost, irrizulta li dan il-fatt kien biss minhabba l-maltemp li kien hemm dik il-gurnata partikolari u minflok ghadda ghalihom ftit minuti wara, thassarhom fix-xita, u ghabbihom biex ma jixxarbux. Li kieku r-rikorrenti inqabad jaghmel dan b'xi vjagg turisti jew inkella li tella' numru ta' studenti iktar milli suppost fil-vjagg normali tieghu, il-kwistjoni kienet tkun mod iehor. Imma hawn ir-rikorrent ghamel gest uman. Illi huwa minnu li kif sahaq id-difensur tal-Awtorita` intimata li Alla hares qatt kellu xi incident allura r-rikorrent kellu jirrispondi ghalih personalment ghaliex possibilment l-assikurazzjoni ma kinitx tkoprih, imma dan hu biss argument ipotetiku u jekk jigri dak imsemmi mid-difensur tal-Awtorita` intimata allura r-rikorrent ikollu jaffacja l-konsegwenzi hu. Pero` t-Tribunal iqis li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz l-Awtorita` intimata ma ezercitatx id-diskrezzjoni li taghtiha l-ligi b'mod gust. Filwaqt li kull ksur ta' Regolamenti jibqa' ksur, il-Legislatur ta d-diskrezzjoni lill-Awtorita` intimata fl-imposizzjoni tal-penali proprju ghax seta' jirraviza illi seta' jkun hemm cirkostanzi partikolari li jimmeritaw li jittiehdu in konsiderazzjoni mill-istess Awtorita`.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata fil-konfront tar-rikorrent ghandha tigi revokata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jirrevoka d-decizjoni appellata datata 24 ta' Novembru 2015 filwaqt li jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**